REFUGJATI

It-tewmin u missierhom imxew wara l-figura perswaza



u resoluta ta’ Madame Meraut, ommhom, minghajr ebda hjeil ta’ fejn kienu sejrin, imma b’fiducja shiha li kienet taf x’qed taghmel. Hi kienet qed iggor l-itqal basket u t-tewmin kienu qed jaqsmu bejnithom it-toqol ta’ iehor. Il-missier kien qed igorr biss dak li seta’ joqghod f’butu. Kellu xorti li kien qed jimxi. Imma kien ferhan li kien miexi b’mod hafif permezz tal-krozzi, hekk li kien sorpriz hafna.

Mhux wisq boghod minn darhom gewwa Rue Charly kienet tghaddi x-xmara u billi il-missier u l-omm kienu

jafu ragel li n-negozju tieghu li jikri d-dghajjes fis-sajf lil



dawk li kienu jhobbu jaqdfu, it-tfal ma kienux sorprizi li ommhom tigbed lejn ix-xatt fejn id-dghajjes kienu sorguti. Ir-ragel kien qed jistenniehom hdejn dghajsa mizbugha abjad u ahmar b'isimha "L-Arka" jidher sew fuq il-pruwa. Meta rat isem id-dghajsa ommhom tbissemet u qalet, "Bil-kemm kemm ma ahniex qisma Noe u l-familja tieghu dehlin fl-arka."

Qieghdu kull ma giebu maghhom fid-dghajsa, poggew bilqieghda u r-ragel tad-dghajsa mbutthom 'l barra minn max-xatt. "Au revoir," sellmet Madame Meraut

hekk kif id-dghajsa zzerzet hafif hafif f'wicc l-ilma tax-xmara. "Terga' tarana meta l-germanizi jitilqu u b'xi mod jew iehor nara kif nibghatlek lura d-dgajsa. Sadanitant naccertak li nohodlok hsiebha."

"Din id-darba ftit ser ikun hawn nies li jikru d-dghajjes biex jaqdfu fuq ix-xmara," wegibha r-ragel.  U wara kollox id-dghajsa tkun aktar fiz-zgur maghkom milli toqghod hawn titmermer fuq ix-xatt jekk ma tkunx milquta minn xi bomba. Ma ghandkomx tbatu taqfu ghaliex il-kurrent favur taghkom. Zommu dejjem id-direzzjoni ghad-dritt u ghadkom taslu bis-sliem. Au revoir u nawguralkom."  Huwa baqa' bilwieqfa fuq ix-xatt, ixejjer il-berritta tieghu sakemm hargu sew 'l barra.

Il-missier ukoll ta' daqqa t'id fl-imqadef ghax dirghajh kienu ghadhom f'sahhithom u seta' jiggwida d-dghajsa minghajr tbatija.  Il-kurrent garrhom mieghu sakemm tbieghdu minn Rheims u harighom fil-berah tal-kampanja. Ommhom kienet bilqieghda fil-pruwa thares lura lejn il-Katidral li tant kienet thobb sakemm il-kampnari tieghu, issa suwed kawza tan-nirien, intilfu wara s-sigar li kien hemm max-xatt tax-xmara. Bdew il-

vjagg taghhom kmieni qabel il-bumbardamenti ta' kuljum mill-germanizi.

Ix-xitwa kienet tista' tghid ghaddiet u r-rebbiegha kienet wara l-bieb. Is-sigar bdew ihaddru u l-ghasfar imlew l-arja bil-ghana taghhom. Il-fjuri ta' xatt ix-xmara bdew jarmu u n-nahal kienu jdawruhom biex jaghmlu x-xoghol li n-natura halqithom ghalih.

Imbaghad ommhom daret lejn uliedha u qaltilhom li kienet tisthajjilha l-mara ta' Lot thares lura lejn Sodoma u Gomorra qabel il-qerda taghhom. Ghajnejha intlew bid-dmugh thares lejn Rheims u biex turi mhabbitha lejn dik il-belt poggiet bewsa f'idha u nefhitha lejn il-belt. "Addio belt sabieha tieghi," qalet. "Mhux minhabba dnubietek kellna nhalluk. Jum wiehed nergghu nigu lura."

Minkejja li kienu tbieghdu sew mill-belt, raw dahna kbira u mbaghad hoss ta' spluzzjoni. Il-bumbardament ta' kuljum kien beda'.

U biex jiccajta il-missier qalilhom, "Kemm jirrispettawna l-hbieb taghna. Qed jisparaw is-salut tat-tluq."

L-ghodwa kollha damu jaqdfu u kien xieraq li f'nofsinhar jieqfu jistriehu u jieklu xi haga. Gembu d-

dghasja taht sigra, kielu dak li gabu maghhom u hadu nghasa hafifa.

Wara li strahu l-missier staqsa lil martu dwar fejn kienu ser isibu kenn. Martu dehret sorpriza. "Anqas ghedtlek," qaltlu. "Skuzani imma tant ghandi mohhi mimli hsibijiet li insejt. Hsibt li inti ssoponejt li ser immoru ghand missieri, jekk jirnellilna naslu."

U meta spjegatlu l-pjan ta' kif ser jaslu zewgha ferhilha ghall-pjan perfett.

"Inti taf raħal tagħhom jinsab fil-lokalita' fejn jiltaqghu x-xmajjar Aisne u Vesle. Nistgħu nibqghu sejrin fejn il-post fejn inghaqdu iz-zewg xmajjar u minn hemm naqbdu ix-xmara li tghaddi minn Fontanelle. Imbaghad nistghu naqdfu lejn ir-rahal"

U kompliet tghid, "Ma smajt xejn minghandhom ix-xitwa kollha. La naf jekk humiex hajjin jew mejtin. U ma tkellimt xejn qabel ghax inti kont marid. Imma dan il-pjan kien ilu jberren f'mohhi il-hin kollu. Meta naslu Fontanelle ma nafx x'ser naghmlu, izda zgur inkunu ahjar milli konna f'Rheims. Inkunu bhar-refugjati l-ohra."



"Jekk ma nsibux kenn nistghu nibqghu sejrin max-xmara sakemm naslu fil-bahar," qal Pierre mimli entuzjazmu

"Issa la bdejna ma nistghux mmorru lura," qalet l-omm. Meta beda' iraxxax id-dlam sabu ruhom fil-berah tal-kampanja. Ittrakkaw d-dghajsa u sabu post ghal kenn fl-ghelieqi. Kien jehtigilhomn johorgu l-kutri ghax kienet is-sirda.

Meta nizlu l-art qabbdu n-nar biex isajru c-cena.

"X'hemm ghal ikel?" staqsiet Pierrette.

“Nistghu naqlu l-bajd, insajru l-patata fuq il-gamar u nixorbu l-kafe.”

“Ghandi guh daqs lupu,” esklamat Pierrette.

“U jiena daqs tnejn,” kompla Pierre.

It-tewmin marru jfittxu z-zkuk u l-weraq u missierhom malajr qabbad in-nar biex isajru. Kielu u xebghu u wara xorbu bela kafe li l-aroma tieghu fewhet il-madwar.

Wara c-cena haslu l-platti u t-tazzi u qaghdu jharsu lejn is-smewwiet jintlew bil-kwiekeb li kienu jzidu fil-ghadd taghhom aktar ma jidhol il-lejl.

Ma damux wisq biex hadhom in-nghas u ghalkemm kienu bla saqaf raqdu komdi u sewwa hafna. L-ghada filghodu qamu ghal l-ghana ta’ l-ghasafar, flok is-soltu hsejjes tal-kanuni u bombi.